MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2359/1998/1

***Registratur tal-Qorti***
***vs***
***Salvu Bellotti u martu Rosaria maghrufa bhala Lucy Bellotti***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-attur wara li ppremetta: illi l-Marixxall Carmel Degiorgio irrapporta lil din il-Qorti li meta huwa, fid-9 ta' Gunju 1988 mar biex jaghmel sgass fil-fond Blokk 6A flat4 Triq San Gwann Bormla, biex jeleva l-oggetti gia maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 4917/96 fl-ismijiet "Joseph Cassar Aveta ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' C.Fino & Sons Limited versus Salvu u Rosaria maghrufa bhala Lucy konjugi Bellotti" b' esekuzzjoni tal-istess mandat, fethitlu l-bieb il-konvenuta Rosaria Bellotti u rrifjutat ghal diversi drabi li thallih jiehu l-oggetti hlief ghall-kcina li l-konvenuti kienu

xtraqw minghand l-imsemmija socjeta' C.Fino & Sons Limited; illi b' digriet tas-16 ta' Gunju 1988, din il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex tipprocedi kontra l-konvenuti ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, u dan wara li l-imsemmi Marixxall ikun halef ir-rapport minnu maghmul; illi l-imsemmi Marixxal Carmel Degiorgio halef ir-rapport tieghu fid-29 ta' Ottubru 1998 kif ordnat minn din il-Qorti, kollox li jidher ahjar mill-anness dokument X1; illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Issibhom hatja ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli [Kap.12]; u

2. Tikkundannahom ghall-piena preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma min issa ngunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti permezz ta' liema eccepew: 1. Illi fil-gurnata in kwistjoni l-eccepjenti Rosaria Bellotti ma kienitx taf x- inhija taghmel u dan stante l-problemi varji li sabet ruhha ffacjata minhabba l-ispejjez u flejjes kbar li halset sabiex tipprova tfejjaq lil binha mill-vizzju tad-drogi; 2. Illi fl-istess gurnata hija marret ghand is-socjeta' C.Fino & Sons Limited u bdiet thallas b' pagamenti mensili – b' rizerva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawzi;

Semghet xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi meta l-Marixxal Carmel Degiorgi in esekuzzjoni ta' digriet ta' din il-Qorti fid-9 ta' gunju 1998 mar fir-residenza tal-konvenuti biex jeleva l-oggetti maqbuda fil-mandat ta' qbid numru 4917, il-konvenuta Rosaria Bellotti bdiet tostakolah milli jeleva l-oggetti billi toqghod quddiemhom. Illi nonostante li l-Marixxal kellu l-assistenza tal-pulizija, ma kienx hemm pulizija mara, u allura l-pulizija ma seghetx tkun effettiva fl-assistenza li kellha taghti lill-imsemmi Marixxal.

Il-Marixxal jiddeskrivi l-akkadut f' dawn it-termini: *"Meta mort biex nigbor l-ghamara u l-oggetti mqbuda fil-mandat ta' qbid numru 4917, jiena sibt lil Rosaria sive Lucy bellotti u din irrifjutat diversi drabi li thallini niehu l-oggetti hlief ghal kcina li inxtrat minghand il-kreditur. Hija bdiet toqghod quddiem l-oggett li jiena ried neleva u l-pulizija li kelli mieghu qalli li billi kienet mara ma seghax imissha. Jiena ghidtilha li ser naghmel rapport il-Qorti, pero' hi baqghet tinsisti."*[1]

Illi dawn il-fatti jinsabu sodisfacentment provati u gew ukoll ammessi mill-istess konvenuta, li dak in-nhar baqghet issostni li gia la darba id-dejn kien fuq il-kcina li kienet xtrat minghand is-socjeta' C. Fino & Sons Ltd. allura l-Marixxal kellu jeleva l-kcina, u mhux jeleva oggetti mis-salott u oggetti orhajn li whud minnhom kienu tat-tfal. Dan baqghet issostnih anke fuq il-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti: *"Ridthom jiehdu l-kcina imma huma riedu jiehdu tas-salott.. Ghidtilhom dawk ma tohduhomx, hudu l-kcina".*[2]

Ix-xhud kompliet tispjega li hija kienet xtrat il-kcina bil-prezz ta' circa Lm3,600 u kienet ghamlet diversi pagamenti, izda sussegwentement it-tifel taghha waqa' fil-vizzju tad-droga bir-rizultat li kellha tonfoq hafna flus u

[1] Depos.13 Gunju 1999 – Fol.18
[2] Depos.30 Mejju 2003

wkoll kienet isselfet bl-usura u ma setghetx tkompli thallas il-prezz kollu tal-kcina, u ghalhekk kienet, fis-sitwazzjoni, kuntenta li titlef l-ammont li hallset u Fino jiehu lura l-kcina. Dan kien ir-ragunament tal-konvenuta Bellotti wara l-komportament taghha waqt l-esekuzzjoni tal-ordni tal-Qorti. Irrizulta mill-process li l-konvenut Salvu Bellotti ma kienx prezenti dak in-nhar u ghalhekk l-akkuzi fil-konfront tieghu ma jistghux jreggu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-fatt li l-konvenuta, anke jekk genwinament, emmnet li l-Marixxal kellu jeleva l-kcina u mhux oggetti l-ohra li ma kellhom x' jaqsmu xejn max-xiri maghmul minghand Fino, kif ukoll il-fatt, li kif hemm indikat fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, li f' dak iz-zmien sabet ruhha f' posizzjoni difficli hafna kemm minhabba problemi ta' familja kif ukoll mill-aspett ta' finanzi; dawn ic-cirkostanzi, partikolarment l-ahhar wahda, ghalkemm jistghu jattiraw simpatija lejn is-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-konvenuta, ma ghandhom ebda valur guridiku ghall-azzjoni odjern li hija azzjoni ta' disprezz bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 997 u 1003A tal-Kap.12.

Illi l-istitut tar-Rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti huwa mahsub proprju biex jissanzjona atti ta' disprezz, fosthom dawn fejn Marixxal jigi mfixkel fl-esekuzzjoni ta' ordni tal-Qorti. Fil-fatt, nonostante li l-proceduri jitressqu bil-mezz tac-citazzjoni u quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni civili, dan l-istitu hu ta' natura penali u jgorr mieghu sanzjonijiet u pieni . Kif jidher mill-Artikolu 998 il-persuna li allegatament tikkommetti att ta' disprezz hi kunsidrata bhala li qieghda tigi akkuzata.[3] "Ma hemmx bzonn li wiehed jirrileva kemm hu mpellanti l-bzonn li l-ufficjali tal-Qorti, li jmorru biex jezegwixxu l-ordnijiet ta' l-awtorita' gudizzjarja jigu adegwatament protetti. Kien ikun perikolu kbir ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja, u fl-istess hin ingustizzja ghalihom, kieku dawn l-ufficjali, li spiss jinstabu f' postijiet dizabitati fil-kampanja fl-esekuzjoni tad-doveri delikati u forsi anki perikoluzi, taghhom, jithallew bla

[3] PA [PS] ***Registratur tal-Qorti vs Frances Bugeja*** 28 Frar 2003.

protezjoni ta' l-Awtorita' li ghan-nom taghha jkunu qeghdin jagixxu." [4]

Dan l-Istitut huwa "stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi **tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja**". Il-Qorti mhix parti interssata f' dan il-gudizzju. L-imhallef ma' ghandu ebda interess personali fil-meritu tal-procediment. L-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imhallef hu dak li jissussisti f' kull procediment, dak li ssir gustizzja skond il-ligi.[5]

"Jiehtieg li kulhadd jifhem li biex **jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta'** hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.[6] L-Artikolu 279 tal-Kap.12 espressament jiddisponi li hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat hlief <u>wara</u> li tkun saret l-esekuzzjoni.

Illi inoltre jigi osserva li sabiex tikkonfigura opposizzjoni li tati lok ghal proceduri ta' disprezz, mhuwiex mehtieg vjolenza partikolari jew aggressivita' da parti tal-akkuzat, izda huwa bizzjjed **kull att li jimpedixxi b' xi mod** lill-Marixxal esekutant fl-esekuzzjoni ta' ordni moghtija lilu mill-Qorti u **kull forma ta' ostakolu** f' dan is-sens iservi ta' opposizzjoni illecita ghal-istess ordni, u ghalhekk disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.[7]

Illi fil-kaz in disamina, il-komportament tal-konvenuta Rosaria Bellotti meta din qaghdet quddiem l-oggetti li kellu jeleva l-Marixxal, bir-rizultat li dana ma setghax jelevahom, jikwalifika bhala tfixkil u ostakolar ta' ufficjal tal-Qorti fl-esekuzzjoni ta' ordni moghtija minnu mill-Qorti u ghalhekk hija sanzjonabbli a tenur tal-Artikolu 997 tal-Kap.12; ghaldaqstant it-talbiet attrici fil-konfront tal-

---

[4] Kum. ***Il-Qorti vs Caterina Cachia*** – 9 Marzu 1950.
[5] PA [VCC] ***Il-Qorti vs Antoine Camilleri*** 9.11.1990 – Vol.LXXIV.III.546
[6] Vide - App. ***Concetta Dimech vs Joseph Bonnici*** – 9 Frar 200; PA ***Il-Qorti vs George Galea*** – 14 Marzu 1988 Vol.LXXXII.II.226.
[7] Vide PA [RCP] ***Registratur tal-Qorti .vs Dolores Busietta*** 14.11.2000; [JSP] ***Reg.vs Salvu Psaila*** et 12.02.1996 Vol.LXXX.II.1091.

konvenuta Rosaria Bellotti huma sostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u ssib lill-konvenuta Rosaria sive Lucy Bellotti hatja ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti meta fixklet u ostakolat il-Marixxal tal-Qorti Carmel Degiorgio fl-esekuzzjoni ta’ ordni tal-Qorti; u ***tikkundannaha ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsa u sebghin lira maltin [Lm75]*** fir-Registru ta’ din il-Qorti fi zmien xaharejn millum u fin-nuqqas ta’ tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ghal zmien hmistax [15] il-gurnata.[8] Tillibera lill-konvenut Salvu Bellotti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] [Art.1002 Kap.12 u 11(3) u 14 Kap.9]